MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2010

Numru. 354/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Therese Sciberras**
**vs**
**Michael Zarb**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Michael Zarb ta’ 38 sena imwieled fid-9 ta’ Dicembru 1967 B’Kara bin Joseph u Agnes nee’ Attard residenti f’no 66 Marika Triq il-Vitorja, B’Kara u detentur tal-karta ta’ l-identita numru 18768M gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1. F’dawn il-gzejjer nhar id-29 ta’ Jannar 2006 f’xi hin f’San Pawl il-Bahar u cioe fi Triq Cassarino attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza u / jew hebb kontra PS 635 A. Callejja, PC 300 A. Abela u PC 277 J. Cini, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li

kienu qed jagixxu fl-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita kompetenti;

2. Fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet leggittimi ta' persuni inkarigati minn servizz pubbliku u cioe' PS 635 A. Callejja, PC 300 A. Abela, u PC 277 J. Cini jew ma halliex jew fixkilhom waqt li kienu qed jaghmlu id-dmirijiet taghhom, jew b'mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista jaghmel jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi, jew b'xi mod iehor;

3. Fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi hedded lil Lorraine Zarb bi strument li jaqta u bil-ponta u cioe sikkina liema strument jitqies bhala arma irregulari;

4. Fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi garr arma offensiva minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

5. Fl-istess lok, hin u cirkostanzi kiser il-paci u l-bon ordni b'ghajjat, storbju u / jew xort ohra;

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 11 ta' Mejju, 2006 (esebit *a folio* 10 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-11 ta' Mejju 2006 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Rat illi fl-udjenza tal-11 ta' Mejju 2006 l-imputat ammmetta l-ewwel(1), it-tieni(2) u l-hames(5) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda ncident li nqala' fid-29 ta' Jannar 2006 ghall-habta tad-9.30am, fi Triq Cassarino, il-Qawra liema ncident kellu bhala sfond problemi ta' natura matrimonjali li dak iz-zmien kienu jezistu bejn l-imputat u l-parti civili li hija martu Lorraine Zarb. Mill-provi rrizulta li l-imputat u martu kienu ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni personali izda kienu fil-process li jirrikonciljaw. Lorraine Zarb kienet qed tghix f'appartament il-Qawra u l-imputat mar sabiex ikellimha u sab lill-ex-partner taghha, certu Dimon Vella, li kien qieghed fl-appartament taghha ghaliex mar igib xi hwejjeg. Mill-provi rrizulta wkoll li l-imputat irrabja meta sab lil Vella hemm u qabad sikkina li kellu fil-vettura tieghu u waddabha lejn il-faccata tal-appartament fejn kienet qed tghix Lorraine Zarb u mbaghad telaq minn fuq il-post. Lorraine Zarb talbet l-assistenza tal-pulizija u marru fuq il-post PS 635, PC 300 u PC277 li sabu lil Lorraine Zarb u lil Simon Vella barra u dak il-hin cempel Michael Zarb fuq il-mobile phone ta' Simon Vella u meta rrisponda t-telephone PC 277 u talab lill-imputat sabiex imur fuq il-post huwa rrifjuta li jaghmel hekk izda wara ftit tal-minuti huwa effettivament mar lura fuq il-post u meta il-Pulizija pruvaw jimmanettjawh huwa ghall-ewwel irrezista anki ghaliex kien qed jigi imxewwex minn Simon Vella li kien dahal fl-appartament izda beda jindirizza xi kliem ta' tghajjir fil-konfronti tal-imputat mill-apertura tal-letter box izda imbaghad huwa kkalma u kkopera mal-Pulizija billi mar maghhom l-Ghassa u hemmhekk skuza ruhu ghal dak li kien gara. Mix-xhieda ta' PC 277 Joseph Cini, li xehed fl-udjenza tal-25 ta' April 2008, jirrizulta li meta huwa ghamel tfittxija fil-vettura tal-imputat sab sikkina kbira fl-istess vettura. L-imputat fl-istqarrija minnu rilaxxjata u esebita a fol. 11 tal-process ammetta li kien waddab sikkina lejn il-faccata tal-appartament ta' Lorraine Zarb izda qal li ma ried iwegga lil hadd. Mix-xhieda ta' WPC 213 Jeanette Grima (xhieda relattiva nserita a fol. 23 tal-process) jirrizulta li l-imputat ma kellu ebda arma registrata f'ismu mal-Kummissarju tal-Pulizija.

Ikkunsidrat:

Illi ghalkemm l-imputat irregistra ammissjoni ghall-ewwel(1), it-tieni(2) u l-hames(5) akkkuza waqt l-udjenza tal-11 ta' Mejju 2006 u ghalkemm din l-ammissjoni fl-ebda stadju ma giet formalment irtirata, meta saret it-trattazzjoni finali mill-avukat difensur tal-imputat huwa tratta b'tali mod li iwassal x'wiehed jifhem li l-imputat kien irtira l-ammissjoni tieghu ghall-imsemmija akkuzi.

Illi wara li l-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz jidrilha li l-istess Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat ikkommetta ir-reat li bih jinsab akkuzat permezz tal-ewwel(1) akkuza. Mix-xhieda ta' PC 300 (a fol. 16 sa 18 tal-process) kif ukoll mix-xhieda ta' PC 277 jirrizulta minghajr ombra ta' dubju li meta l-imputat rega' mar fuq il-post wara li gie mitkellem minn PC 277 huwa rrezista l-arrest u huwa fil-fatt spicca mal-art flimkien ma PC300 sakemm imbaghad irnexxielu jimmanettjah PS635. L-imputat sejjer ghalhekk jinstab hati tal-ewwel(1) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

In kwantu jirrigwarda t-tieni(2) akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputat minn imkien mill-provi ma rrizulta li l-imputat inghata xi ordni specifika li huwa naqas milli jobdi u huwa ghalhekk sejjer jigi dikjarat mhux hati ta' din l-akkuza.

Permezz tat-tielet(3) akkuza l-imputat jinsab akkuzat li hedded lil Lorraine Zarb bi strument li jaqta' u cioe' b'sikkina. Lorraine Zarb ghazlet li ma tixhidx f'dawn il-proceduri kontra zewgha anki ghaliex fil-frattemp hija kienet irrikonciljat mieghu u inoltre minn imkien mill-provi ma jirrizulta li l-imputat effettivament hedded lil Lorraine Zarb bis-sikkina. Huwa sejjer ghalhekk jigi liberat minn din l-akkuza.

Permezz tal-raba'(4) akkuza l-imputat jinsab akkuzat li garr arma offensiva minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija. Din l-akkuza tirrizulta ampjament pruvata kemm mix-xhieda ta' PC 277 li sab l-arma fil-vettura tal-imputat, kif ukoll mill-istqarrija tal-istess imputat li ammetta li kien waddab is-sikkina lejn il-faccata tal-appartament ta' Lorraine Zarb kif ukoll mix-xhieda ta' WPC 213 Jeanette

Grima li spjegat li l-imputat ma kellu ebda licenzja sabiex igorr arma.

In kwantu jirrigwarda il-hames(5) akkuza fejn l-imputat jinsab akkuzat bi ksur ta' buon ordni u paci pubblika b'ghajjat u glied, din l-akkuza tirrizulta ampjament pruvata stante li jirrizulta li l-incident in dizamina sehh barra fit-triq u li kien hemm storbju u ghajjat u glied sakemm il-Pulizija rnexxilhom jikkalmaw lill-imputat u jimmanettjawh.

Ghal finijiet ta piena, l-Qorti ikkunsidrat il-fatt li l-imputat ghandu fedina penali kwazi netta, kif ukoll il-fatt li huwa wara ftit tal-hin ikkollabora mal-Pulizija u ma baqghax jofri resistenza u anki l-fatt li l-incident inqala' fl-isfond ta' problemi matrimonjali li illum il-gurnata jinsabu risolti. Il-Qorti sejra ghalhekk tapplika il-provvedimenti tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta in kwantu jirrigwarda l-ewwel(1) u l-hames(5) akkuza u ser timponi piena pekunjarja in kwantu jirrigwarda ir-raba'(4) akkuza.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 96 u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikolu 13 tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tal-ewwel(1), ir-raba'(4) u l-hames(5) akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah multa ta' mija u sittax-il Ewro (€116) u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien sena (1) millum.

Il-Qorti qed tordna il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tas-sikkina esebita f'dawn l-atti fl-udjenza tat-23 ta' Lulju 2009 u li hija mmarkata bhala Dok. AC1.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------